TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 202/13-F

**Raymond Mifsud**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 21 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, u tmienja w sebgħin ewro (€178), rappreżentanti problemi fis-servizz tat-telefon u l-internet, u li kkawżaw xi ħsara fuq il-faċċata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi meta s-soċjeta' ntimata kienet qed tagħmel xi xogħolijiet, għamlet ħsara fuq il-faċċata tiegħu u b'riżultat ta' dan inqata' s-servizz tat-telefon u l-internet għal żmien t'erba' xhur u għalhekk qed jitlob li ma jħallasx il-kont għax ma ngħatax is-servizz, fejn la t-telefon u lanqas l-internet ma kienu qed jaħdmu. Ir-rikorrenti ssottometta wkoll illi tħallas tal-ħsarat li kkawżawlu fuq il-faċċata.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi r-rikorrenti tħallas tal-ħsarat ikkawżati fuq il-faċċata.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota illi huwa minnu li kien hemm ħsara fuq il-faċċata, pero' jekk użaw is-servizz, dan għandu jħallas għalih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888